**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 3/2012JVC**

**Noel Vella u Anton Vella**

**Vs**

**F & V Company Limited; Anthony Farrugia; Jason Farrugia; Giacinta Farrugia u George Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-atturi ppremettew:-

Illi dan huwa rikors a tenur ta' l-artikoli 214 u 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

Illi l-esponenti huma azzjonisti fil-kumpanija F & V Company Limited, flimkien ma' l-intimati l-ohra.

Illi n-negozju tal-kumpanija ilu sospiz ghall-iktar minn erbgha u ghoxrin xahar.

Illi inoltre l-kumpanija ma fiha ebda skop li tezisti billi m'hemm l-ebda hsieb li jsir negozju ulterjuri biha fil-futur.

Illi minkejja dan, u minkejja li saru diversi laqghat, ghar-ragunijiet taghhom, l-intimati mhux qed jikkoperaw biex isir l-istralc ta' din il-kumpanija.

Illi konsegwentament hemm il-htiega li l-kumpanija F & V Company Limited tigi stralcjata bil-Qorti.

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi li hemm raguni ghaliex isir l-istralc tal-kumpanija msemmija  a tenur ta' l-artiklu 214(2)(a)(i) tal-Att dwar il-Kumpaniji stante li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiz u ghall-perjodu bla waqfien u erbgha u ghoxrin xahar;

2. Tiddeciedi li fi kwalunkwe kaz hemm ragunijiet gravi bizzejjed ghall-istralc tal-kumpanija a tenur ta' l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpaniji;

3. Konsegwentement tordna l-istralc tal-kumpanija F & V Company Limited;

4. Tahtar likwidatur u taghti direzzjonijiet ghall-istralc effettiv tal-kumpanija;

5. Fil-mori tal-kawza tahtar amministatur provizorju bis-soliti poteri sabiex jiehu pussess tal-assi tal-kumpanija u jamministrahom ghall-beneficcju tal-membri kollha u tal-kumpanija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta ta' Anthony Farrugia, Jason Farrugia u Giacinta Farrugia li ssottomettew:

'ai termini tal-artiklu 402 tal-Kap. 386

Illi huma ser jintavolaw rikors kif ikkontemplat taht l-artiklu 402 tal-Kap 386 u ghalkemm ma ghandhomx oppozizzjoni li s-socjeta' F & V Company Limited tigi stralcjata, jinsistu illi qabel iridu jigu ezawriti l-proceduri kkontemplati taht l-artiklu 402.

Illi huma jirrilevaw illi qatt gew formalment avzati bit-talbiet tar-rikors promotur u ghalhekk ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri. Anzi jirrilevaw illi kemm-il darba ttentaw jaghmlu laqghat fi hdan il-kumpanija pero' qatt ma kien hemm quorum tal-membri.

Konsegwentement l-intimati mbaghad jirriservaw biex jindikaw jekk hemmx lok illi l-istralc ikun wiehed volontarju jew maghmul b'ordni tal-Qorti.

Daqstant ghandhom x'jissottomettu bl-aktar rispett l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti Onorabbli.'

Rat ir-risposta ta' George Farrugia u tal-kumpanija F & V Company Limited fejn eccepew:

1. Illi filwaqt li l-esponenti jaqblu li l-kumpanija ilha ma topera ghall-ferm aktar miz-zmien preskritt mil-ligi, madanakollu ma jaqblux li jezistu ragunijiet 'gravi' tant li l-likwidazzjoni ghandha tigi ordnata minn din il-Qorti;

2. Illi hemm lok li din il-kumpanija tigi stralcjata, izda jkun opportun u a skans ta' spejjez zejda li din il-likwidazzjoni ssir b'mod volontarju bejn l-azzjonisti;

3. Madanakollu jekk ir-rikorrenti ser jinsistu xorta wahda li l-likwidazzjoni tigi ordnata mill-Qorti, dan ghandu jirrifletti ruhu fil-kap tal-ispejjez.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u l-provi kollha esebiti.

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Mejju, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-mertu tat-talbiet, din hija kawza fejn qed issir talba skont l-istess atturi a tenur tal-aritkoli 214 u 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpanija intimata

skont il-provvedimenti tal-artikoli 214 (2) (a) (i) u 214 (2) (b) (iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed issir mill-atturi bhala azzjonisti tal-kumpanija ntimata u dan huwa permissibbli ai termini tal-artikolu 218 (1) tal-Kap 386. Illi fost it-talbiet taghhom l-atturi talbu lill-Qorti illi tahtar amministratur provvizorju.

Illi fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 214, il-ligi telenka liema huma c-cirkostanzi fejn il-qorti tista' xxolji kumpanija u tordna l-istralc taghha u fil-kaz odjern l-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq is-sub-incizi (i) u (ii). Dawn is-subincizi jiddisponu li kumpanija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-qorti:

'(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar; . . .
(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;

Illi tul is-smiegh tal-kawza u fis-seduti kollha li saru hadd mill-partijiet quddiem il-Qorti ma accenna ghall-hames talba tal-atturi sabiex jigi mahtur amminsitratur provizorju ghall-kumpanija.

Illi jirrizulta biss li kien wara li l-kawza thalliet ghad-decizjoni bi qbil bejn il-partijiet li l-konvenuti Anthony, Jason u Giacinta Farrugia ftakru li anki huma kellhom interess li taht l-artikolu 402 din il-Qorti tiehu dawk il-provvedimenti mehtiega sabiex tissalvagwardja l-interessi taghhom bhala azzjonisti qabel ma jinghata l-ordni tal-istralc tant illi anki gew intavolati rikorsi sabiex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tad-decizjoni.

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' intimata li kienet tiggestixxi negozju ta' garr ta' siment giet iffurmata lura fis-7 ta' Lulju, 1994 bejn iz-zewg atturi u l-konvenut George Farrugia u huh Albert Farrugia lkoll b'ishma ugwali. Albert Farrugia, illum mejjet, jigi missier il-konvenuti Anthony u Jason ahwa Farrugia u Giorgia Farrugia tigi martu. Originarjament l-azzjonisti kollha kienu kemm azzjonisti kif ukoll diretturi ta' din il-kumpanija.
2. Illi l-ghan ewlieni ghat-twaqqif ta' din il-kumpanija kien 'li topera u tiggestixxi negozju f'Ghawdex ta' provvista, distribuzzjoni u

bejgh bl-ingrossa u bl-imnut ta' siment tat-tip iswed' kif jirrizulta mill-Memorandum u Articles of Association tal-kumpannija esibit in atti (fol. 66).

3. Illi sakemm gie nieqes l-azzjonist u direttur Albert Farrugia jidher mill-atti li n-negozju tal-kumpanija kien sejjer tajjeb u l-azzjonisti kienu kollha kuntenti bit-tmexxija tal-istess. Fis-sena 2001 gie nieqes Albert Farrugia u wirtuh il-konvenuti Anthony, Giacinta u George Farrugia;
4. Illi jirrizulta wkoll li ghall-perjodu ta' madwar hames snin wara l-mewt tieghu l-azzjonisti eredi ta' Albert Farrugia hallew it-tmexxija tal-kumpanija f'idejn it-tliet diretturi rimanenti cioe' z-zewg atturi u l-konvenut George Farrugia izda wara l-perjodu ta' hames snin jidher li l-konvenuti eredi ta' Albert Farrugia bdew jistaqsu x'kien qed jigri mill-kumpanija u r-raguni ghalfejn ma kienu rcevew l-ebda parti mill-profitti mis-sena 2001 'il quddiem;
5. Illi jirrizulta wkoll li mis-sena 2001 'il quddiem l-azzjonisti diretturi atturi odjerni u l-konvenut direttur George Farrugia kienu waslu f'xi tip ta' arrangament li flus proprjeta' tal-kumpanija bdew jitqassmu bejniethom filwaqt li l-konvenuti Anthony, Jason u Giacinta Farrugia ma gew infurmati b'xejn u wisq anqas inghataw xi parti minn dawn il-flus li lanqas tqassmu bhala 'dividends' izda semplicement ittiehdu mid-diretturi permezz ta' cekkijiet li jinsabu esebiti a fol. 163 et seq. Dan gie ammess mill-istess direttur Anthony Vella;
6. Illi l-atturi jsostnu bla tlaqliq li fl-2007 gie deciz mid-diretturi li l-kumpanija ghandha tieqaf topera. Skont huma dan sar minhabba l-indhil zejjed min-naha tal-konvenuti Anthony, Jason u Giacinta Farrugia li l-atturi jsostnu li l-agir taghhom kien qed ixekkel in-negozju u l-operat tal-kumpanija. L-atturi jsostnu li ghalhekk kellha tittiehed decizjoni drastika li l-kumpanija tieqaf topera minhabba li kien qed jigi perikolat ix-xoghol li kienu qeghdin jaghtuhom il-burdnara.
7. Huwa nkontestat illi fit-30 ta' Settembru 2010, il-kumpanija giet deregistrata minn mad-Dipartiment tal-VAT kif gie kkonfermat mix-xhud tar-rapprezentant tad-dipartiment Sharon Debono a fol 35.
8. Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li fit-2 ta' Dicembru 2010, issejhet u saret laqgha generali straordinarja tal-istess kumpanija, fejn ma kienx izda prezenti l-konvenut George Farrugia, li fiha kienet giet diskussa mozzjoni dwar ix-xoljiment formali tal-kumpanija, f'liema

laqgha izda l-konvenuti Anthony u Jason ahwa Farrugia u ommhom Giacinta Farrugia ivvutaw kontra din il-mozzjoni bil-konsegwenza li din m'ghaddietx. L-atturi jsostnu li konsegwenza tal-agir tal-konvenuti Anthony u Jason ahwa Sultana u ta' ommhom Giacinta Farrugia l-kumpanija baqghet la tista' topera u lanqas tigi xjolta b'mod volontarju.

9. Illi da parti tal-konvenuti eskluz George Farrugia, jirrizulta li minn meta dawn bdew jistaqsu kemm lid-diretturi kif ukoll lill-awditur Mario Grech (li xehed f'dawn il-proceduri a fol. 93 et seq) x'kien qed jigri fil-kumpanija u ovvjament ressqu l-pretensjonijiet taghhom bhala azzjonisti, verament ittiehdet decizjoni mid-diretturi atturi u d-direttur konvenut George Vella li l-kumpanija tieqaf topera u dan billi ddecidew li x-xoghol tal-kumpanija jitqassam bejniethom personali billi nofs ix-xoghol haduh l-atturi u n-nofs l-iehor hadu George Farrugia b'eskluzjoni tal-konvenuti l-ohra. L-attur Anton Vella xejn ma jiddejjaq jammetti dan l-arrangament li sar bejn id-diretturi kemm fl-affidavit tieghu a fol. 64 et seq kif ukoll fil-kontro-ezami tieghu a fol. 192 tal-process b'mod partikolari a fol. 215. Jirrizulta li skont dan il-ftehim ix-xoghol minghand il-burdnara beda jinqasam vjagg lill-ahwa Vella atturi u vjagg lil George Farrugia. L-ahwa Vella ma baqghux juzaw iz-zewg trakkijiet proprjeta' tal-kumpanija liema trakkijiet inghataw esklussivament lil George Farrugia. Mhux car mill-atti jekk dawn it-trakkijiet effettivament gewx fil-mori trasferiti f'ismu;
10. Illi rizultat tal-azzjonijiet tal-atturi u ta' George Farrugia jirrizulta li l-flus tal-kumpanija li kienu jammontaw ghal madwar erbghin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm40,500) tqassmu kollha wara l-mewt ta' Albert Farrugia bejn it-tliet diretturi rimanenti ad eskluzjoni tal-konvenuti Anthony, Jason u Giactina Farrugia b'dana li jirrizulta li sa Settembru, 2011 il-kumpanija kien baqalha biss madwar €4,000 (ara xhieda ta' Mario Galea a fol. 52 et seq u d-dokumenti esebiti minnu) depozitati l-bank u verament kienet ilha li waqfet topera ghal madwar erbgha u ghoxrin (24) xahar u dan ghaliex ix-xoghol kollu ttiehed mid-diretturi b'mod personali. Jirrizulta wkoll li l-assi principali tal-kumpanija sa mill-mument li sar il-ftehim bejn it-tliet diretturi rimanenti li jiehdu x-xoghol huma personalment u jaqsmuh, cioe' t-trakkijiet, bdew jintuzaw esklussivament mill-konvenut George Farrugia ghall-gwadann tieghu u mhux tal-kumpanija.

11. Illi jidher li tali ftehim bejn id-diretturi prezenti beda japplika mis-sena 2007 'il quddiem tant li mill-atti jirrizulta li huwa sa minn dak iz-zmien u sal-lum il-gurnata li d-diretturi sahansitra naqsu milli jipprezentaw kif huma obbligati skont il-ligi l-'accounts' tal-istess kumpanija u dan ghaliex evidentement ma ghandx baqalhom interess;
12. Illi ghalkemm mill-atti jirrizulta verament lil din il-Qorti li l-kumpanija ilha li ssospendiet in-negozju taghha ghall-perjodu ta' mill-anqas erbgha u ghoxrin (24) xahar, jirrizulta ampju lil din il-Qorti li dan sar bi ftehim bejn id-diretturi li flok hadmu fl-ahjar interess tal-kumpanija u l-azzjonisti kollha kif kienu obbligati li jaghmlu skont il-ligi, meta raw li l-konvenuti kienu qed jiggieldu ghad-drittijiet taghhom ghazlu li jahdmu fl-interess personali taghhom biss b'rizultat li l-operat tal-kumpanija gabuh fix-xejn.

Illi din il-Qorti in vista tal-evidenza kollha fl-atti u in vista ta' dak suespost, tqis li f'dan l-istadju fl-ahjar interess tal-istess kumpanija u tal-azzjonisti kollha tal-kumpanija, ma ghandhiex tipprosegwi sabiex taghti decizjoni dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici stante li jekk dawn jinghataw dan jista' jkun ta' pregudizzju kbir kemm ghall-interessi tal-kumpanija u certament ghall-konvenuti azzjonisti Anthony, Jason u Giacinta Farrugia li jidher li huma l-azzjonisti li thallew kompletament b'xejn bl-agir tal-azzjonisti l-ohra u diretturi prezenti. Il-Qorti tqis li dan kollu jiggustifika l-eccezzjoni tal-konvenuti Anthony, Jason u Giacinta Farrugia fejn insistew li qabel jigu ezawriti l-proceduri ta' stralc mitluba mill-atturi ghandhom jigu ezawriti l-proceduri kkontemplati taht l-artiklu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji taht liema artikolu, fuq kollox, huma l-istess atturi li jiddikjaraw li din il-kawza hija wkoll msejsa fuqu.

**Decizjoni u provvediment:**

Illi din il-Qorti, f'dan l-istadju u in vista ta' dak kollu suespost tqis li ghandha biss tippronunzja ruhha dwar il-hames talba attrici u cioe' dwar it-talba sabiex tahtar amministratur provizorju ai termini tal-artikolu 228 tal-Kap. 386 tal-Att dwar il-Kumpaniji.

Ghaldaqstant fl-ewwel lok il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici.

Tghaddi sabiex tilqa' l-hames talba attrici kif isegwi:

Illi l-hatra ta' amministratur provvizorju hija regolata bl-**<u>Art 228 tal-Kap 386</u>** li taqra hekk :-

*'(1) Il-qorti tista' b'ordni tahtar amministratur provvizorju f'kull zmien wara li jkun gie pprezentat rikors ghall-stralc u qabel ma taghmel ordni ghal stralc, u jista' jkun mahtur jew l-ufficjal ricevitur jew xi persuna ohra kompetenti.*
*(2) L-amministratur provvizorju ghandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpanija kif il-qorti tista' tispecifika fl-ordni li jahtru.*
*(3) L-amministratur provvizorju jibqa' jzomm dik il-kariga sa dak iz-zmien li jsir ordni ghall-stralc jew ir-rikors ghall-stralc ikun michud sakemm ma jirrizenjax qabel dak iz-zmien jew ma jitnehhiex mill-qorti jekk tintwera raguni xierqa.'*

Illi mis-suespost jirrizulta li l-ligi thalli ghal kollox f'idejn il-Qorti fil-kaz li taghmel il-hatra, x'setghat taghti lill-amministratur provvizorju, tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Illi f'dan il-kaz partikolari l-Qorti tqis li l-funzjoni ewlenija tal-amministratur provizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi rimanenti kontra r-riskju ta' sparpaljar jew ta' tnaqqis fil-valur b'azzjoni tad-diretturi kif ukoll illi jinvestiga x'sar mill-assi u x-xoghol tal-kumpanija billi jmur lura mis-sena 2001 'il quddiem, jaggorna l-kotba tal-kumpanija u jiehu dawk il-passi neccessarji f'isem il-kumpanija sabiex il-kumpanija tirkupra x-xoghol u l-assi li jirrizultaw li ntilfu rizultat tal-azzjonijiet tad-diretturi Noel Vella, Anton Vella u George Farrugia jew fin-nuqqas li dan jista' realment isir jiehu passi sabiex il-kumpanija tirkupra d-danni sofferti. Dan sabiex jekk, meta u fil-mument li l-Qorti taghzel li tghaddi ghall-istralc, l-interessi tal-azzjonisti kollha tal-kumpanija jkunu gew salvagwardjati bl-ahjar mod possibbli. Ghalhekk ghandu jkun car illi r-rwol tal-amministratur provvizorju mhuwiex dak ta' stralcjarju u ghalhekk l-amministratur provvizorju huwa prekluz f'dan l-istadju milli jiddisponi mill-assi.

Illi dwar il-funzjonijiet u s-setghat tal-amministratur provvizorju, il-Qorti, in vista tal-agir passat tad-Diretturi prezenti, ma tridx li l-amministratur provvizorju jkollu r-rwol ta' semplici amministratur bil-funzjoni li jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-kumpanija intimata u ghaldaqstant filwaqt li qed tisvesti d-diretturi prezenti mill-funzjonijiet u setghat ta' diretturi, qed tghaddi l-funzjonijiet u s-setghat

tad-diretturi prezenti lill-amministratur provvizorju u dan sabiex ikun car li l-amministratur provvizorju mhux suggett ghar-rieda tad-diretturi. Ghalhekk il-Qorti qeghda tipprovdi li l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi jkunu fdati lill-amministratur provvizorju u dan fl-ahjar interess tal-kumpanija u l-azzjonisti taghha.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tiddisponi mill-hames talba tar-rikors promotorju tal-atturi billi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tahtar bhala amministratur provvizorju tal-kumpanija intimata F & V Company Limited lill-**Avukat Dottor Jean Paul Grech**, b'dan illi :-

1. B'effett mil-lum, u sakemm tigi deciza t-talba rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-kumpanija ntimata, il-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi prezenti tal-kumpanija, kemm individwalment kif ukoll kollettivament bhala bord, qeghdin jigu sospizi.

2. B'effett mil-lum, tordna lid-diretturi tal-kumpanija ntimata sabiex jaghtu lill-amministratur provvizorju access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom.

3. B'effett mil-lum u sakemm tigi deciza t-talba tal-kumpanija rikorrenti ghax-xoljiment u stralc tal-kumpanija ntimata, l-amministratur provvizorju ghandu jaqdi l-funzjonijiet u s-setghat kollha tad-diretturi tal-kumpanija ntimata, inkluz ir-rapprezentanza gudizzjarja u legali tal-kumpanija ntimata.

4. L-amministratur provvizorju ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu l-assi u d-djun kollha tal-kumpanija ntimata, u ghandu jmexxi u jamministra l-kumpanija ntimata bl-akbar kawtela u trasparenza sabiex il-qaghda finanzjarja taghha ma tmurx ghall-aghar.

5. L-amministratur provvizorju ghandu wkoll jinvestiga x'sar mill-assi u x-xoghol tal-kumpanija billi jmur lura mis-sena 2001 'il quddiem, jaggorna l-kotba tal-kumpanija u jiehu dawk il-passi neccessarji f'isem il-kumpanija sabiex il-kumpanija tirkupra x-xoghol u l-assi li jirrizultaw li ntilfu rizultat tal-azzjonijiet tad-diretturi Noel Vella, Anton Vella u George Farrugia jew fin-nuqqas li dan jista' realment isir jiehu passi sabiex il-kumpanija tirkupra d-danni sofferti.

6. Tordna li l-ispejjez tal-hatra, inkluz tal-qadi tal-funzjonijiet u setghat tal-amministratur provvizorju ghandhom jithallsu provvizorjament mill-kumpanija, b'dan illi tirriserva li taghti provvedimenti diversi fuq talba tal-amministratur provvizjoru jekk ikun il-kaz u provvedimenti finali meta jkun deciz finalment il-procediment tax-xoljiment u stralc tal-kumpanija intimata.

Tordna l-komunika ta' din id-decizjoni u provvediment lill Avukat. Dr. Jean Paul Grech.

Tiddifferixxi l-kawza sabiex fil-mori l-amministratur provvizorju jilhaq jiehu konjizzjoni kemm tal-atti kif ukoll tal-amministrazzjoni tal-kumpanija u sabiex jinformaha bl-andamanet tal-amministrazzjoni tieghu ghas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2017 tissejjah mill-12.00p.m. sa l-12.15p.m.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur